MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Talba Numru. 962/2008

**APS Bank Limited (C 2192)**

**Vs**

**C & J Debono Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta` attrici talbet hlas ta` disgha mija u erbghin ewro u disgha ewro centezmi (€940.09) rapprezentanti ammont dovut in kwantu €904.03 rapprezentanti bilanc ta` debitu dovut fuq il-kont kurrenti numru tnejn xejn xejn xejn xejn tlieta tmienja sebgha sitta wiehed tmienja (20000387618) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A], oltre l-imghax ulterjuri b`effett mit-30 ta` Gunju, 2008 sal-pagament effettiv kif ukoll sitta u tletin Euro u sitt Euro centezmi (Euro 36.06) rapprezentanti bilanc ta` debitu dovut fuq il-kont *Interest Disposal* bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn

sitta hamsa xejn sitta hamsa hamsa (20000650655) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B].

Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont hawn fuq imsemmi lis-socjeta` attrici, nkluz b`ittra legali datata 13 ta` Frar, 2008 u ittra ufficjali ezekuttivaq datata 25 ta` April, 2008 (liema ittra ma gietx notifikata lis-socjeta` intimata), [kopji hawn annessi u mmarkati bhala Dokument C u Dokument D rispettivament] hija baqghet inadempjenti;

Illi s-socjeta` attrici qed tintavola Mandat ta` Sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta` l-istess socjeta` konvenuta kontestwalment ma` din il-kawza.

Ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` disgha mija u erbghin Euro u disgha Euro centezmi (Euro 940.09) in kwantu ghal disgha mija u erbgha Euro u tlett Euro centezmi (Euro 904.03) rapprezentanti bilanc ta` debitu dovut fuq il-kont kurrenti numru tnejn xejn xejn xejn xejn tlieta tmienja sebgha sitta wiehed tmienja (20000387618) [ kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A], oltre l-imghax ulterjuri b`effett mit-30 ta` Gunju, 2008 sal-pagament effettiv), kontra s-socjeta` konvenuta, li hija mil-lum ingunta ghas-subizzjoni kif ukoll sitta u tletin Euro u sitt Euro centezmi (Euro 36.06) rapprezentanti bilanc ta` debitu dovut fuq il-kont *Interest Disposal* bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn sitta hamsa xejn sitta hamsa hamsa (20000650655) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B).

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta` l-ittra ufficjali ezekuttiva datata 25 ta` April, 2008 u tal-Mandat ta` Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma` din il-kawza.

Ra mill-atti li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fl-24 ta` Marzu, 2009 mill-PL Veronica Rossignaud u l-fatt li s-socjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li s-socjeta` konvenuta naqset tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------